**IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI**

**Illum is-06 t'Awwissu, 2024**

**Rikors numru: BCT/62/2023**

**Membri:**

Avukat Christopher L. Vella L.L.B., Dip. Not., LL.D.(Melit.)
Perit Samuel Formosa B.E.&A.(Hons), M.Sc. Arch.(Lond), M.Sc.(Env.Pln.& Mgt.), A.&C.E.
Inġ. Johan A. Psaila B. Eng. (Hons.), Pg. Dipl. (Brunel)

---

**Albert Pico**

**vs**

**Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni**

**It-Tribunal**

Ra r-rikors tal-appell ippreżentat mill-appellant, is-Sur Albert Pico [K.I. 0538779(M)] rigward zvilupp li jinsab fi Plot 72, Triq Ghar u Casa, Tas-Sellum, Mellieha fejn huwa ppremetta u talab is-segwenti:

> *i. Illi fis-27 ta' Novembru 2023 huwa gie notifikat bl-ittra hawn annessa u mmarkata bhala '<u>Dok. A</u>', tramite mezzi elettronici, fejn gie nfurmat illi l-Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni ta' The Exchange, It-Telgħa ta' Spencer, Marsa MRS 1982 qiegħda timponi fuqu Penali Amministrattiva fl-ammont totali ta' €500, kif ukoll ordnatlu sabiex jirregola ruħu minhabba allegat ksur tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 623.08, ossia rigward allegat "Materjal tal-bini quddiem il-viċinanza tas-sit".*

*ii. Illi dawn l-allegazzjonijiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt u qed jigu michuda bl-aktar mod kategoriku mill-esponenti.*

*iii. Illi l-esponenti hassu aggravat mill-Penali Amministattiva mahruga fil-konfront tieghu u qed jinterponi dan l-umli appell stante illi tali Penali Amministrattiva inharget abbazi ta' zball ta' fatt u zball ta' ligi.*

*iv. Illi l-Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni ghamlet diversi spezzjonijiet fuq is-sit in kwistjoni tul iz-zmien, u l-ufficcjali tal-Awtorita' dejjem sabu kollox ghall-ordni u skond il-Ligi.*

*v. Illi madanakollu, ghalkemm l-appellant dejjem mexa mal-Ligi, mhux darba jew tnejn sab zibel u imbarazz iehor mormi minn terzi persuni barra l-proprjeta' tieghu. Dan huwa fatt illi hija konxja minnu anke l-Awtorita' appellata, senjatament certu Jake Caruana mill-"BCA Enforcement and Compliance Team".*

*vi. Illi l-appellant zamm linja ta' komunikazzjoni mas-Sur Jake Caruana tul iz-zmien, sabiex jizgura illi l-Awtorita' appellata tinzamm infurmata b'kull zvilupp, inkluz meta terzi persuni jinqabdu jarmu imbarazz quddiem is-sit.*

*vii. Illi inoltre, l-appellant kien wkoll f'kuntatt ma' Dario Vella, s-Sindku tal-Mellieha, sabiex jizgura illi jkollu l-assistenza tal-Kunsill Lokali, u dan kif jirrizulta mir-ritratti hawn taht annessi.*

*viii. Illi tajjeb jinghad illi fuq ordni tal-istess Awtorita', u kif jirrizulta wkoll mill-messaggi hawn fuq referiti, l-esponenti f'xi zmien kellu jwahhal 'CCTV security cameras' fuq il-proprjeta' in kwistjoni.*

*ix. Illi bhal dejjem, huwa obda din l-ordni moghtija lilu mill-BCA, u minn ritratt mehud mill-istess security cameras, hawn taht anness, jirrizulta illi fis-27 ta' Novembru 2023, ossia l-istess data meta inhareg il-Penali Amministrattiva, ma hemm l'ebda "materjal ta' bini quddiem il-vicinanza tas-sit", u lanqas skart jew zibel iehor.*

*x. Illi proprju fis-27 ta' Novembru 2023 l-esponenti kien wkoll ser jibda x-xoghol fuq il-bankina quddiem il-proprjeta' de quo, u dan a spejjez tieghu, wara li kien gie ordnat jaghmel dan mill-istess Awtorita'. Ghal'darb ohra, l-Awtorita' kienet skorretta meta ordnat lill-esponenti sabiex jirripristina l-bankina in kwistjoni, ghax mhux talli l-bankina ma kienx huwa li kissirha, talli fis-sit in kwistjoni qatt ma ezistiet bankina!*

*xi. Illi dan huwa evidenti mill-istess ritratt surreferit, kif wkoll mir-ritratt hawn taht anness, illi tabilhaqq juri okkazzjoni ohra fejn terzi persuni rmew skart quddiem is-sit in kwistjoni.*

*xii. Illi minkejja dan, l-esponenti fil-frattemp ifforma l-bankina relattiva quddiem il-proprjeta' tieghu, in konformita' ma' dak li kien gie (ingustament) lilu ordnat, kollox a spejjez tieghu. Dan jidher fir-ritratt t'hawn taht.*

*xiii. Illi minkejja li l-esponenti dejjem mexa in konformita mal-Ligijiet, bil-pinna u l-klamar, u minkejja li dejjem obda kull ordni moghtija lilu, sahansitra dawk l-ordnijiet ingusti bhalma kienet l-ordni dwar il-bankina, fis-27 ta' Novembru*

*2023 huwa sabu lilu nnifsu affacjat b'din il-Penali Amministrattiva li hija ghal kollox abbuziva u illegali.*

*xiv. Illi huwa vverifika l-filmati tas-CCTV oltre li mar fuq l-post personalment sabiex jara b'ghajnejh u jivverifika illi ma kien hemm xejn barra minn loku, u huwa jista' jidher quddiem dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jikkonferma bil-gurament tieghu illi fis-27 ta' Novembru 2023 ma kien hemm l'ebda "materjal tal-bini quddiem il-viċinanza tas-sit".*

*xv. Illi sfortunatament, kif diga' inghad mhux darba jew tnejn illi l-esponenti sab xi materjal mormi minn terzi persuni fil-vicinanzi tas-sit, u minkejja li tali materjal jkun thalla minn terzi persuni, huwa dejjem ha hsieb sabiex jzomm il-madwar tas-sit fi stat nadif u bla periklu.*

*xvi. Illi ma jistax jigi eskluz illi meta accedew l-ufficjali tal-Awtorita' fuq l-post kien proprju xi materjal mholli minn terzi persuni illi huma raw, izda jidher illi lanqas dan ma kien il-kaz, ilghalhiex mis-security cameras illi l-esponenti ghandu fuq l-post ma rrizulta l'ebda materjal mormi fil-vicinanzi tas-sit.*

*xvii. Illi huwa l-oneru tal-Awtorita' li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lil dan l-Onorabbli Tribunal li l-akkuzi addebitati lill-esponenti huma veri w dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:- "Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit."*

*xviii. Illi huwa principju fundamentali fi proceduri penali qua amministrattivi (fil-kaz de quo) li persuna akkuzata hija prezunta innocenti sakemm ippruvata hatja, u dan ai termini tal-Artikolu 40 Subinciz 5 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li jiddisponi is-segwenti: "every person who is charged with a criminal offence shall be presumed to be innocent until he is proved or has pleaded guilty..."*

*xix. Illi dan il-principju gie wkoll sanat fis-sentenza moghtija minn Sir Augustus Bartolo flismijiet 'Il-Pulizija v Michele Borg et' (deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-13ta' Mejju, 1936) fejn intqal: "illi skont il-principju u s-sistema tal-ligi u procedura penali taghna mfassla fuq dak tal-Ingilterra u li huma strettament d'ordine pubblico; 'the accused is presumed innocent until proved guilty.' "*

*xx. Illi l-appellant dejjem ikkoopera bis-shih mal-Awtorita' appellata, u sahansitra mar oltre dak li titlob minnu l-Ligi u ghen wkoll sabiex jigi evitat abbuz minn terzi persuni illi huwa m'ghandu l'ebda kontroll fuqhom. Illi l-appellant jitlob illi jittella bhala xhud Jake Caruana sabiex jikkonferma dan kollu.*

*xxi. Illi l-Penali Amministrattiva de quo inhareg minn certu Michael Simic, persuna illi l-ewwel darba li ghamel kuntatt mal-appellant kien wara l-hrug tal-Penali Amministrattiva. L-istess Simic huwa ufficcjal illi qatt ma kien midhla tas-sit in kwistjoni u tal-problemi li kienu qed joholqu terzi persuni. Lanqas ma kien konxju mill-fatt illi l-appellant dejjem ikkoopera mal-Awtorita appellata. Tajjeb jinghad illi l-istess Simic allega mal-appellant illi huwa gieli kien ikkomunika mieghu fil-passat, xi haga li l-appellant jichad kateogrikament. Huwa qatt ma rcieva emails jew telefonati f'dan is-sens, u l-ewwel kuntatt li huwa kellu ma Simic kien wara li nharget il-Penali Amministrattiva.*

*xxii. Illi mhux gust u ekwu illi persuna li timxi mal-ligi u tikkoopera bis-shih mal-Awtorita' appellata tigi kkastigata b'dan il-mod ingust flok ma tigi ppremjata.*

*xxiii. Illi apparti dan kollu, fil-kaz de quo ma tressqet l'ebda prova in sostenn tal-allegazzjonijiet maghmula mill-Awtorita'. L-inqas li wiehed kien jistenna kien jkun semplici ritratt. Anke fuq din il-bazi biss, l-esponenti ghandu jigi liberat u l-Penali Amministrattiva rrevokata contrario imperio.*

*Ghaldaqstant, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, l-appellant umilment jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu:*

1. *Jiddikjara u Jiddeciedi illi m'hemm l'ebda bazi legali u/jew fattwali in sostenn tal-akkuza de quo.*

2. *Jiddikjara u Jiddeciedi illi l-Awtorita' ma pprovatx l-akkuza illi thalla "Materjal tal-bini quddiem il-viċinanza tas-sit" sal-grad rikjest mil-Ligi.*

3. *Jirrevoka contrario imperio l-Penali Amministrattiva BCA/P08/244/2023 mahruga fis-27 ta' Novembru 2023.*

4. *Jillibera lill-appellant minn kwalsiasi akkuza fir-rigward tal-imsemmija Penali Amministrattiva.*

*Bl-ispejjez ta' dan l-appell kontra l-Awtorita' appellata u bl-ingunzjoni tal-intimata ghas-subizzjoni.*

Ra r-risposta tal-Awtorità li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. Illi l-Awtorità appellata qiegħda umilment tissottometti li kwalunkwe deċiżjoni meħuda kienet in konformita' ma dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;

2. Illi jibda biex jingħad li ma huwiex minnu li kull meta saret ispezzjoni l-uffiċjali tal-Awtoirta' sabu kollox in konformita' ma dak rikjest mil-liġi, u dan wara li twettqu diversi spezzjonijiet min Ottubru 2023 u Diċembru 2023;

3. Illi r-ritratti u l-komunikazzjoni annessa mar-rikors tal-Appell, ma huwiex ta' konfort li dan it-Tribunal li b'xi mod l-appellant eżonera lilu nnifsu mil-penali mposta;

4. Illi durante l-appell, l-uffiċjali tal-Awtorita' ser jkunu qegħdin jipprovdu aktar dettal rigward il-penali;

5. Illi annessi mar-risposta hemm 4 ritratti li juri is-sit qabel u wara li saret l-bankina temporanja, liema qegħdin jkunu immarkati bħala Dok A;

6. Għaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorita′ appellata qiegħda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex tiċħad l-appell odjern;

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbali tas-seduti kollha li seħħew quddiem it-Tribunal.

Ra d-deposizzjonijiet tax-xhieda kollha li tressqu quddiem it-Tribunal.

Ra li l-partijiet iddikjaraw l-istadju tal-provi tagħhom magħluq.

Semgħa it-trattazzjonijiet finali tal-partijiet.

Ra l-verbal tas-seduta tal-14 ta' Mejju, 2024, fejn l-kawża tħalliet għal-llum għas-sentenza.

***Ikkunsidra:***

Permezz ta' dan l-appell, l-appellant qiegħed jappella minn avviż ta' infurzar maħruġ mill-Awtorità, li permezz tagħha l-Awtorita' imponiet Penali Amministrattiva fl-ammont ta' hames Mitt Ewro (€500).

L-Awtorita tgħid li imponiet din il-penali amministrattiva minħabba materjal tal-bini quddiem il-vicinanza tas-sit.

In sostenn tal-appell xehed il-maniger tas-sit inkarigat mix-xogħlijiet, is-Sur Albert Pico, fejn spejga li skart domestiku u materjal tal-bini ilu jintefa minn terzi ħdejn u/jew quddiem is-sit in kwistjoni sa mill-2016 u li huwa minn żmien għal żmien kien jkellem lis-sindku tal-lokal biex jibgħat lil xi ħadd biex ineħħi dan l-iskart domestiku u materjal tal-bini in kwistjoni. Is-Sur Pico spjega wkoll li fuq rakkomandazzzjoni ta' uffiċjal tal-awtorita' giet installata sistema tas-sigurta (CCTV) biex jitnaqqas l-abbuz u fil-fatt, is-Sur Pico ikkonferma taħt ġurament li l-abbuż naqas drastikament.

Xehed ukoll ir-rappreżentant ta' l-Awtorita' intimata, is-Sur Michael Simic fejn spjega li minn spezzjonijiet li saru jikkonferma li sabu skart ħdejn is-sit in kwistjoni mormi minn terzi u xehed wkoll li kien ta instruzzjonijiet lil maniger tas-sit biex inaddaf. Waqt ix-xhieda tiegħu is-Sur Michael Simic jikkonferma li s-sit ġie mnaddaf minn kull skart u materjal tal-bini.

It-Tribunal jibda biex jinnota li mill-provi prodotti, filwaqt li huwa evidenti li hemm skart konsiderevoli, dan l-iskart ma jistax jiġi meqjus bħala skart jew materjal ta' kostruzzjoni iżda huwa pjuttost skart domestiku. L-appellant xehed u anke preżenta ritratti li juru li din ma kinitx kwistjoni li nqalat issa iżda tmur lura numru ta' xhur u dan peress li kien in kuntatt mal-Kunsill Lokali tal-lokalita' u kif ukoll li nstalla CCTV camera sabiex isservi ta' deterrent kontra r-rimi ta' skart.

It-Tribunal jinnota li l-Awtorita' ma preżentatx provi konvinċenti li jindikaw li l-skart li sar referenza għalih mix-xhud ewlieni tal-Awtorita' kien skart li ntrema mill-appellant jew minn ħaddiema ingaġġati minnu. Lanqas ma jista' t-Tribunal jikkonkludi li l-appellant ma kienx qed jieħu azzjoni dwar din il-problema. Fid-dawl ta' dan, it-Tribunal iqis li l-penali amministrattiva imposta kienet waħda inġusta fil-konfront tal-appellant u dan stante li l-problema ma kinitx waħda li krea hu jew li kienet assolutament fil-kontroll tiegħu.

Għaldaqstant it-Tribunal ser jgħaddi sabiex jilqa' l-appell tas-Sur Albert Pico u jirrevoka d-deċiżjoni tal-Awtorita' intimata li permezz tagħha imponiet il-penali amministrattiva fl-ammont ta' ħames mitt euro (€500).

**Decide**

Dan it-Tribunal, għar-raġunijiet fuq imsemmija qiegħed jilqa' l-appell u jirrevoka d-deċiżjoni tal-Awtorita' intimata fil-konfront tal-appellant, is-Sur Albert Pico datata s-27 ta' Novembru 2023.

********** VERA KOPJA TAL-ORIĠINAL**********

| Dr Christopher L. Vella | Perit Samuel Formosa | Inġ. Johan Psaila |
|---|---|---|
| Chairperson | Membru | Membru |